**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 811/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**
**vs**
**Charlene Camilleri**

**Illum 17 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charlene Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita' numru 118480M.

Akkuzata talli f'xi granet f'Dicembru 2013, u qabel, b'diversi atti maghmulin minnha li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer,

1. Iffalsifikat jew bidlet minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott tal-industrija, jew xjentement ghamlet uzu ta' dawn l-ismijiet, marki, jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

2. Xjentement ghamlet uzu ta' marka, sinjali, tabelli jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghhet merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema.

3. Xjentement qieghdet fic-cirkolazzjoni, bieghhet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghal hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' sejbien ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 11 ta' Frar, 2015.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid, il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, stqarrija mmarkata bhala Dok JF, ircevuta tal-affarijiet konfiskati minn Charlene Camilleri, dokument immarkat bhala Dok RS.

**PC 1600 Gilbert Gatt,** jghid li fit-23 ta' Dicembru, 2013 ghal habta tas-siegha u nofs (1:30) dahlet informazzjoni gewwa l-Economic Crimes Unit fejn kien stazzjonat, li fil-bus terminus tal-Qawra kien hemm certu Charlene Camilleri, li anke gharaf gewwa l-awla, tbiegh gojjellerija tal-marka Bulgari li setghet ma kienitx originali. Jispjega li hu flimkien mal-Ispettur Jonathan Ferris u PS 856 Conrad Falzon marru fuq il-post fejn sabu lil Charlene Camilleri u Romina Fenech li din tal-ahhar hija l-agent tal-istess ditta Bulgari gewwa Malta. Charlene Camilleri ttiehdet il-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex tigi mitkelma.

**Joseph Attard**, huwa inginier u manager ma Sterling Jewellers u fost id-ditti li Sterling Jewellers tirrapprezenta, hemm il-Bulgari. Jghid li minn fuq facebook kien hemm persuna li kienet qed tirreklama l-bejgh ta' gojjellerija tad-ditta Bulgari u peress li Sterling Jewellers huma l-agenti tal-Bulgari u ghalhekk huma biss jistghu ibieghu gojjellerija tad-ditta Bulgari, ghamlu kuntatt ma din il-persuna fuq facebook u ftehmu

maghha biex jiltaqghu quddiem l-Ghassa tal-Qawra sabiex jixtru xi affarijiet minghandha, u fl-istess waqt cemplu anke l-pulizija sabiex ikunu prezenti. Meta marru fuq il-post sabu lil Charlene Camilleri li anke gharaf gewwa l-awla. Jghid li kien hemm bracelet irreklamat fuq facebook li lanqas kellu 1/10 tal-valur li suppost jinbiegh.

**Romina Grech Fenech**, hija Managing Director tal-Isterling Jewellers u taghmel anke l-purchasing. Hija tghid li hija kienet cemplet lill-pulizija ghall-assistenza, stante li fuq facebook kien hemm persuna qed tirreklama gojjellerija tal-Bulgari u peress li Sterling Jewellers huma l-unici agenti f'Malta li jistghu ibieghu oggetti tad-ditta tal-Bulgari, Romina Grech Fenech ghamlet kuntatt mal-owner tal-facebook page u ftehmet maghha sabiex tiltaqa' maghha u tixtri xi oggetti minghandha. Meta waslet il-Qawra, sabet lil Charlene Camilleri tbiegh il-prodotti li kienet qed tirreklama bhala tal-Bulgari. Tispjega li Charlene Camilleri kienet qed tbiegh prodotti b'twenty euro (€20) meta l-istess oggett jinbiegh minn gol-hwienet tal-Isterling Jewellers ghal prezz ta' elfejn ewro (€2000). Fil-fatt, kienu anke cemplu konsumaturi li kienu xtraw xi oggetti mill-hwienet tal-Isterling Jewellers igergru li halsu prezz daqshekk gholi, meta ghall-istess oggett li kienu xtraw mill-hwienet, kien qed jinbiegh ghal prezz ferm inqas. Tkompli tghid li fuq il-facebook page ta' Charlene Camilleri, kien hemm reklamat gojjellerija bil-marka BVL li hija ntiza li tfisser id-ditta Bulgari. Tispjega illi l-kumpanija tal-Bulgari kienu bghatuha kors sabiex hija tkun kapaci tgharaf oggetti originali tal-Bulgari minn dawk li huma foloz. Tghid illi l-oggett li kienet qed tbiegh Charlene Camilleri kien reklamat ghal €20, u peress li l-Bulgari jahdmu biss bid-deheb u ghalhekk fuq l-oggett ikun hemm il-bolla tad-deheb, u peress li l-oggett li kienet qed tbiegh Charlene Camilleri ma kellux dan il-bolla, u generalment id-deheb ma jibieghx ghal €20, Romina Grech Fenech indunat li dan kien oggett falz.

**PS 856 Conrad Falzon**, jghid li fit-23 ta' Dicembru, 2013 kien stazzjonat mal-Ispettur Jonathan Ferris u kienu qeghdin ghassa duty. Jghid li Romina Fenech cemplitilhom u nfurmathom li gurnata qabel kienet rat li fuq facebook kien hemm min kien qed ibiegh prodotti foloz tad-ditta Bulgari. Jghid li din Romina Fenech infurmathom li ftehmet ma din il-persuna ghal dak inhar fil-bus terminus tal-Qawra sabiex tixtri xi oggetti minghandha u ghalhekk talbet l-assistenza tal-Pulizija. Ghal habta tas-1:30 hrs PS 856, flimkien mal-Ispettur Jonathan Ferris u PC 1600 Gilbert Gatt nizlu fuq il-post fejn sabu

lil Romina Fenech flimkien ma Charlene Camilleri, li l-istess PS 856 Conrad Falzon gharaf anke gewwa l-awla. Jispjega li fuq il-post, Romina Fenech identifikat ruhha bhala r-rapprezentanta f'Malta tad-ditta Bulgari, u l-pulizija ddentifikaw ruhhom bhala pulizija. Il-Pulizija fittxew fil-handbag ta' Charlene Camilleri fejn sabu xi crieket u brazzuletta u giet infurmata li tinsab taht arrest. Ikompli jghid li Romina Fenech infurmathom li dawk l-oggetti kienu foloz. Meta ttiehdet gewwa l-lock-up, Charlene Camilleri ghazlet li tkellem lill-Avukat taghha Dr. Franco Galea u hemmhekk ghaddiet sabiex tirrilaxxja stqarrija.

**Ruth Spiteri**, hija konslu tad-deheb u l-fidda mal-kumpanija Monte di Pieta' u tghid li kienet giet mitluba sabiex tezamina xi oggetti u tara x'metal huma u wara li ezaminathom irrizulta li dawn l-oggetti la kienu tad-deheb u lanqas tal-fidda u lanqas kellhom timbru jew boll fuqhom.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti speci tal-kaz ta l-bidu tieghu meta l-Pulizija ircevew infurmazzjoni li certu Charlene Camilleri kienet qieghda tbiegh oggetti tad-ditta Bulgari minn fuq Facebook Page. Romina Grech Fenech li tahdem mad-ditta Sterling Jewellers kienet ghamlet kuntatt mal-imputata sabiex tara dawn il-prodotti tad-ditta Bulgari minhabba li huma kienu l-agenti lokali ta' din id-ditta. Kien sar ftehim biex tiltaqa' mal-imputata halli tara dawn il-prodotti li kellha sabiex tixtri minn ghandha. Fil-fratemp, hija kienet cemplet il-Pulizija sabiex tinfurmahom dwar dawn il-fatti u jigi xi hadd maghha. Il-laqgha mal-imputata saret gewwa l-Pjazza ta' Bugibba fejn Romina Grech Fenech iltaqghet mal-imputata fejn rat l-oggetti li kellha u dak il-hin gew il-Pulizija.

L-imputata giet arrestata u mehuda gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn giet interrogata fuq l-oggetti misjuba. Illi skont l-istess Romina Grech Fenech qalet li l-oggetti ma kienux tad-ditta Bulgari izda kienu 'fake' ghalkemm ghandhom il-logo bil-kliem BVL fuqhom li juru li huma tad-ditta Bulgari. Wahda mir-ragunijiet li qajjem suspett kien li ma kienx hemm boll dwar jekk hux deheb jew fidda u li l-prezz mitlub kien baxx hafna minn dak li huma jbieghu fis-suq lokali. Ghalkemm xehed ukoll il-

General Manager tal-kumpanija Sterling huwa kkonferma li kienu raw Facebook page li kien hemm persuna li qieghda tbiegh oggetti tad-ditta Bulgari. Minn naha tieghu huwa ma setax jghid li l-oggetti kienux 'fake' jew originali.

Mill-istqarrija tal-imputata li hija esebieta a fol 8 u mmarkata bhala dok JF li wara li kkonsultat ma' avukat ta' fiducja taghha l-imputata ghazlet li ma taghti ebda informazzjoni hlief ghall-fatt li hija qalet li holqot Facebook Page fit 22 ta' Dicembru 2013 meta giet mistoqsija dwar meta ghamlet avviz fuq il-facebook li kienet qieghda tbiegh dawn il-'jewellery' (ara fol 9 f'pagna 2 tal-istqarrija).

Minn analizi li sar minn rapprezentant tal-Monte di Pieta' u cioe' Ruth Spiteri kkonfermat biss li l-oggetti in kwistjoni misjuba fuq il-persuna tal-imputata ma kienux la deheb u lanqas fidda u ghalhekk il-valur taghhom huwa wiehed minimu.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jorbot kollox fuq dak li hemm fl-artikolu 298 (1) (a) (c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 298 (1) (a) (c) u (f) jghid:

> ***298.*** *(1) Kull min –*
>
> *(a) jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, jagħmel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;*
>
> *(ċ) jagħmel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;*
>
> *(f) xjentement iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, ibiegħ jew iżomm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbħin b'qerq;*

Fin-nota ta' sottomissjoni tad-difiza emfasizzat fuq il-kwistjoni tal-oneru tal-prova. Illi f'dan il-kaz id-difiza qalet li l-oneru tal-prova fuq il-kaz in kwistjoni ghandha tigi minn naha tal-prosekuzzjoni u mhux mid-difiza. Saret emfazi fuq il-grad ta' prova li trid tingieb sabiex persuna tinstab hatja jew le f'cirkostanzi ta' kawzi kriminali. Huwa

minnhu li fil-bicca l-kbira tal-kawzi hija l-funzjoni tal-prosekuzzjoni li trid tressaq l-ahjar prova u sabiex tinstab htija u l-provi mressqa ma jridx ikun hemm dubju dettat mir-raguni dwar il-htija jew le tal-persuna. Ma hux il-kompitu tad-difiza li tipprova l-kuntrarju.

Illi pero' dak li d-difiza naqset li tikkunsidra hu illi f'certi cirkostanzi dan il-principju jdur fuq l-imputat li jipprova l-kuntrarju. Dan il-principju huwa wiehed ristrett ghal raguni li jrid johrog mill-Ligi ghaliex din hija eccezzjoni u mhux ir-regola tal-livell ta' prova li trid tingieb. Illi dan il-kaz taht dak li hemm fl-artikolu 298 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed minn dawk li l-livell ta' prova tinqeleb fuq l-imputat. Il-Qorti ma tistghax tippredenti li l-Prosekuzzjoni tista' b'xi mod tkun taf x'kienet l-intenzjoni tal-persuna li tkun qed tiġi nvestigata. F'dawn it-tip ta' reati, kif intqal qabel, l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputat u hu dan tal-ahhar li jrid jikkonvinci lil min ghandu jiggudikah sabiex jezonera' lilu nnifsu minn kull htija.

**Ikkunsidrat**

Illi maghdud ma' dan kollu, il-Qorti tara dak li hemm fl-artikolu 299 li f'dan il-kaz japplika ghal dak li hemm fl-ewwel u fit-tieni akkuza u cioe' fl-artikoli 298 (1) (a) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 299 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid espressament li:

> ***299.*** *F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(a), (b), (ċ) u (d), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż.*

Minn dak li hemm fl-ewwel akkuza u cioe' fl-artikolu 298 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jidher li l-enfazi fl-ewwel parti hija dwar minn jiffalsifika jew ibiddel minghajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija. Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni resqet xi provi dwar il-fatt li l-imputata ffalsifikat jew bidlet xi prodott minghajr il-kunsens tas-sid. Illi ghalhekk fuq din il-parti il-Qorti ma tarax li l-imputata kellha xi sehem attiv. Illi jibqa' dak li tghid it-tieni parti tal-ewwel akkuza kif ukoll it-tieni akkuza u cioe' dak li hemm fl-artikolu 298 (1) (a) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputata.

Illi f'dan il-kaz kemm l-ewwel akkuza kif ukoll t-tieni akkuza l-emfazi hija fuq il-kwistjoni tax-*scienter* u cioe' li hija xjentament ghamlet uzu ta' dawn l-oggetti hekk falsifikati jew mibdula minghajr il-kunsens tas-sid (l-artikolu 298 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Kif ukoll li xjentement ghamlet uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblem li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija (l-artikolu 298 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi f'dawn iz-zewg akkuzi l-enfazi hija dwar ix-xjenza tal-imputata dwar l-oggetti kif inhu stipulat taht l-artikoli 298 (1) (a) u (c) tal-Kap 9. Illi pero' f'dan il-kaz l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-imputata u din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li gie sottomess mid-difiza li ghandha tkun l-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha f'kazijiet bhal dawn. Tant hu hekk, il-legislatur iddispona fl-artikolu 299 li l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputat fejn irid juri li ma kienx hemm hsieb doluz. Illi ghalhekk jekk ma jurix li ma kienx hemm hsieb doluz allura kien hemm ix-xjenza tar-reat kif hemm fl-artikolu 298 (1) (a) u (c). Illi l-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma tat ebda spjegazzjoni li ma kienx hemm hsieb doluz. Lanqas ma jista' jara minn dak li qalet fl-istess stqarrija taghha, ma' wiehed jista' jghid li hija pruvat li ma kienx hemm hsieb doluz, ghaliex anki hawn ghazlet li ma tghid xejn u lanqas taghti spjegazzjoni.

Illi ghalhekk jibqa' li din il-Qorti tifli wkoll dak li hemm fl-artikolu 298 (1) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz tintuza l-kelma xjentement izda f'dan il-kaz l-artikolu 299 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghaliex dan l-artikolu ma jsemmi xejn dwar is-sub-artikolu (f). Illi ghalhekk trid issir referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 302 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jghid:

> ***302.*** *Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax –*
>
> *(a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-dispożizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u*
> *(b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija; u*
> *(ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen.*

Illi għalhekk anki fl-artikolu 298 (1) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jerga' jitfa l-oneru tal-prova fuq l-imputat. Illi f'dan il-kaz irid ikun hemm tlett ragunijiet li jrid juri sabiex jeskulpa lilhu nnifsu minn dan ir-reat. Illi jekk jonqos li jagħmel dan allura jigi prezunt li x-xjenza mitluba sabiex jigi kommess dan ir-reat qiegħda hemm u ma hemm ebda raguni li l-Prosekuzzjoni ggib il-prova tal-intenzjoni li jigi kkommess dan ir-reat. Jekk l-imputat jonqos li jgib dawn il-provi taht dak li hemm fl-artikolu 302 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta allura ikun gie pruvat ix-xjenza tiegħu li jikkommetti reat.

**Ikkunsidrat**

Illi wara din l-esposizzjoni legali jibqa' jrid jigi kkunsidrat dwar element importanti u cioe' li l-oggetti in kwistjoni huma tali li jigu meqjusa bhala ffalsifikati jew imxebbhin b'qerq. Illi l-unika persuna li setgħet titfa' dawl fuq l-oggetti in kwistjoni kien dak li qalet l-istess Romina Grech Fenech. Romina Grech Fenech qalet li dawn l-oggetti kienu qiegħdin jinbiegħu minn fuq Facebook page. Kienet minn din il-pagna li sar kuntatt mal-imputat u ftehim sabiex jiltaqgħu halli tixtri dawn il-prodotti minn għandha. Fl-istess hin cemplet ukoll lill-Pulizija sabiex jinzlu fuq il-post indikat lilhom.

Illi għalhekk huwa ta' ferm importanza li l-oggetti jigu meqjusa bhala falsifikati jew inkella imxebbhin b'qerq. Minn naha ta' Romina Grech Fenech spjegat li Sterling Jewellers huma l-Agenti lokali tad-ditta Bulgari u għalhekk kienet taf li l-prezz tagħhom huwa ferma għoli minn dak mitlub mill-imputata fejn kienu apprezzati għal valur ta' għoxrin Euro. Illi minn dak li rat, l-oggetti li kellha l-imputata fuqha dakinnhar li giet arrestata bihom, kellhom sinjal fuqhom BVL li hija marka uzata minn Bulgari (ara fol 32). L-istess xhud kompliet tgħid li oggetti bhal dawn ikollhom il-boll li juru li huma ta' oggett prezzjuz u cioe' tad-deheb. F'dan il-kaz ma kellhomx u dan il-fatt gie kkonfermat mir-rapprezentant tal-Monte di Pieta' Ruth Spiteri fejn ikkonfermat li l-oggetti ma kienux la deheb u lanqas fidda. Illi Ruth Spiteri minn naha l-oħra ma qalet xejn dwar il-fatt li dawn l-oggetti kienu iffalsifikati jew mxebbhin b'qerq. Illi għalhekk l-unika prova dwar l-oggetti hija dak li qalet l-istess Romina Grech Fenech għaliex lanqas ma tista' tistrieh fuq dak li xehed l-istess Joseph Attard minhabba li qal li ma kienx jaf jagħraf id-differenza.

Illi minn dawn ic-cirkostanzi kollha, din il-Qorti tara li fil-fatt l-oggetti kienu falsifikati jew imxebbhin b'qerq sabiex jigu mibjugha mill-imputata. Dan il-fatt tal-bejgh gie fil-fatt kkonfermat minnha stess meta rrispondiet li kienet holqot Facebook Page sabiex tbiegh dawn l-oggetti u ghalhekk l-iskop ahhari taghha li tpoggi dawn l-oggetti ghas-suq sabiex jinxtraw kif fil-fatt pruvat taghmel fil-laqgha ma' Romina Grech Fenech.

**Ikkunsidrat**

Illi dawn it-tlett akkuzi fil-konfront tal-imputata huma alternattivi ghal xulxin fil-kaz in kwistjoni. Illi mill-ewwel akkuza jidher li l-enfazi fl-ewwel parti hija dwar minn jiffalsifika jew ibiddel minghajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija. Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni resqet xi provi dwar il-fatt li l-imputata iffalsifikat jew bidlet xi prodott minghajr il-kunsens tas-sid. Illi ghalhekk fuq din il-parti il-Qorti ma tarax li l-imputata kellha xi sehem attiv. Illi jibqa' dak li tghid it-tieni parti tal-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputata. Illi hawn si tratta tax-xjenza u cioe' li hija xjentament ghamlet uzu ta' dawn l-oggetti hekk falsifikati jew mibdula minghajr il-kunsens tas-sid. Illi pero' minn dak li qalet l-istess Romina Grech Fenech li l-oggetti in kwistjoni kienu qieghdin jinbieghu minn fuq Facebook page u mhux qieghed isir uzu minnhom. Illi ghalhekk f'dan il-kaz partikolari l-applikazzjoni tal-artikolu 298 (1) (a) ma japplikax f'dan il-kaz.

Jibqa' ghalhekk irid jigi determinat jekk allura l-artikolu 298 (1) (c) japplikax ghal kaz prezenti. Skond il-paragrafu (c), huwa hati ta' reat kull min "*jaghmel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema"*. Ghandu jinghad li din il-Qorti mhux sodisfatta li l-imputata riedet tqarraq lix-xerrej. Illi dan tenut kont tal-fatt li l-FACEBOOK Page lanqas ingiebet sabiex tkun tista' din il-Qorti tara jekk fil-fatt dan il-bejgh kienx qieghed isir b'tali li persuna tigi mqarrqa b'dak il-prodott. Ghalkemm huwa minnu li l-oggetti kellhom marka BVL tad-ditta BULGARI fuqhom izda minn dawn il-provi ma jirrizultax li hija setghet tqarraq lix-xerrej b'dak li hija kienet qieghda tbiegh l-oggetti in kwistjoni bhala tad-ditta BULGARI.

Illi jibqa' ghalhekk dak li hemm fl-artikolu 298 (1) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalkemm dawn it-tlett akkuzi jinghataw b'mod alternattiv ghal xulxin, illi jidher li f'dan il-kaz l-akkuza fil-konfront taghha taht dan l-artikolu tinkwadra aktar fuq dan il-kaz in kwistjoni. Skont il-paragrafu (f), huwa hati ta' reat kull min *"xjentement iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblem imxebbhin b'qerq".* Issa, skont l-artikolu 302 hemm prezunzjoni li imputata tkun mxiet dolozament fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 298(1)(f) sakemm ma tippruvax, naturalment imqar sal-grad tal-probabbli, li jezistu c-cirkostanzi elenkati fl-imsemmi artikolu 302 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi ma jirrizultax illi l-imputata hadet dawk il-prekawzjonijiet mehtiega biex tassigura ruhha li ma tiksirx id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (f) imsemmi. Huwa veru li hija ma semmiet xejn dwar minn fejn gabithom jew x'kienu dawn l-oggetti izda fl-istess stqarrija taghha semmiet li kienet holqot pagna fuq facebook sabiex tbiegh dawn l-oggetti. Mill-banda l-ohra l-imputata ma resqet l-ebda prova sabiex jigi stabbilit dak li hemm fl-artikolu 302 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-presunzjoni li johrog mill-istess artikolu tal-Ligi turi li hija mxiet dolozament u ghalhekk ghandha tigi misjuba hatja taht l-imsemmi paragrafu (f) tal-artikolu 298.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz, id-difiza qajment punt fin-nota ta' sottomissjoni taghha li l-arrest tal-imputata kien wiehed ibbazat fuq *entrapment*. Illi f'dan il-kaz kienet Romina Grech Fenech li ghamlet kuntatt ma' l-imputata wara li saret taf b'pagna tal-Facebook dwar bejgh ta' affarijiet tad-ditta BULGARI. Illi wara li ftiehmu l-laqgha fejn kellha ssir, hija ghazlet iccempel lill-Pulizija. F'ebda hin ma gie allegat li hija kelmet il-Pulizija dwar din il-pagna u hadet struzzjonijiet sabiex tiltaqa' maghha. Illi huwa fid-dover tal-Pulizija f'cirkostanza bhal din, wara li sarilha rapport ta' din it-tip li hija ghandha tinvestigah u tarresta dik il-persuna li qieghda tikkometti reat.

In linea preliminari, fl-istess nota tad-difiza saret emfazi fejn semmiet b'mod car li ma kienux il-Pulizija li nstigaw sabiex isehh ir-reat. Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li gie sottomess meta hija stess qieghda tafferma li r-rwol tal-Pulizija ma kellu x'jaqsam xejn mal-fatt li saret il-laqgha izda sempliciment marru hemm biex jarrestaw persuna li

allegatament kellha fil-pussess taghha oggetti li setghu jiksru l-kodici kriminali. Kien dan biss l-intervent tal-Pulizija u ma kienu involuti f'xejn minn dak li inghad.

Huwa principju baziku li f'kawzi ta' *entrapment* meta jkun hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-Qorti jista' jkollha diskrezzjoni minhabba interess pubbliku minhabba fl-integrita' tal-gustizzja li dawn il-proceduri ma jitkomplewx. Dan specjalment meta jkollok reat li persuna qieghda twiegeb ghalih fil-Qrati taghna meta jkun gie instigat mill-agenti ta' xi awtorita' pubblika. Il-Qorti ghandha tizen jekk ikunx il-kaz ...*that the end justifies the means*. Provi mehuda jew migbura fil-kaz ta' *entrapment* ghandhom ikunu meqjusa bhala innamissibbli mill-Qorti u ghalhekk skartati. Illi pero' minn dan kollu ma hemm xejn minn dak li qieghed jinghad minn naha tad-difiza li dan kien kaz ta' entrapment. Wara kollox dan kien kaz ta' persuna involuta fil-kummerc li hasset li ghandha tiehu hsieb l-interessi kummercjali taghha fejn ghamlet kuntatt mal-imputata u **wara** hasset il-htiega li tinfurma l-Pulizija fuq il-kaz. Illi minghajr tlaqliq kien ikun nuqqas serju min-naha tal-Pulizija li kieku ma tawx widen ghal rapport bhal dan u ma hadux azzjoni f'waqtha sabiex tigi arrestata l-persuna. Illi ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti ma tarax li dan kien kaz ta' *entrapment*.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi issib lill-imsemmija Charlene Camilleri hatja tat-tielet (3) akkuza ai termini ta' l-artikolu 298 (1) (f) u 302 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkuza stante li dawn inghataw b'mod alternattiv ghal xulxin, tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-hatja bil-kundizzjoni li ma tikkometti ebda reat iehor sa zmien sentejn mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**